**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs.**

**Nazzareno sive Reno Grech**

Numru 1110/2008

Illum 10 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] migjuba fil-konfront ta' l-imputat **Nazzareno maghruf bhala Reno Grech**, ta' hamsa u hamsin (55) sena, iben Joseph u Mary Concetta neé Bugeja, imwieled Cospicua nhar it-8 ta' Awwissu 1954, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 629254(M) u residenti gewwa 5, Triq Felice, Zabbar

akkuzat talli f'dawn l-ahhar snin, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

[1] *A fol.* 340 *et seq.*.

1. ghamel att ta' *money laundering* billi:

   (a) ikkonverta jew ittrasferixxa proprjeta' meta kien jaf jew issuspetta li dik il-proprjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet minn jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali ghall-iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri b'haga ohra ta' l-origini tal-proprjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew koncernati f'attivita' kriminali,

   (b) heba jew wera haga b'ohra tal-veri xorta, provenjenza, lok, disposizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta', meta kien jaf li dik il-proprjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali,

   (c) akkwista proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali,

   (d) bir-ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' proprjeta' meta kien jaf li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali,

   (e) bl-ghagir bhala komplici fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali rigward xi wahda mill-hwejjeg jew attivitajiet hawn fuq imsemmija *ai termini* tal-Artikolu 8 tal-Att kontra l-*Money Laundering* (Kapitolu 373) u l-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. matul l-istess zminijiet ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus mill-fond bin-numru 5, Triq Felice, Zabbar, liema serq huwa aggravat bil-valur li jeccedi l-Lm1000[2] (elf lira Maltin),

[2] Ekwivalenti ghal €2329.37.

bil-persuna u bil-lok ghad-dannu ta' ommu Marija Concetta Grech u missieru Joseph Grech minn Zabbar;

3. matul l-istess zminijiet gewwa dawn il-Gzejjer, uza vjolenza sabiex jgieghel lil xi hadd cioé lil ommu Marija Concetta Grech sabiex taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga u talli wasal bil-hsieb tieghu f'dan il-ghan;

4. matul l-istess zminijiet gewwa dawn il-Gzejjer, gab ruhu b'tali mod li kkaguna lil haddiehor biza' li ser tintuza vjolenza, meta hu kien jaf jew missu kien jaf li b'tali mgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza'.

Il-Qorti giet mitluba li tipprojbixxi lil Nazzareno Grech hawn fuq imsemmi milli jittrasferixxi jaghti b'rahan jew xort'ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli *ai termini* tal-Artikolu 5(1)(b) tal-Att Kontra il-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll hekk kif jigi applikat *ai termini* tal-Artikolu 23A(2) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tinnomina espert sabiex jaghmel inventarju tal-proprjeta' kollha skond kif deskritta fl-Artikolu 2 tal-Att kontra il-*Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta) li tappartjeni lill-imputat Nazzareno Grech hawn fuq imsemmi.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* tal-Artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija, tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas tal-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali (*a fol.* 343) datata 13 ta' Mejju 2010 *ai termini* ta' Artikolu 3(2A)(a) tal-Att Kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Att.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 675) datat 23 ta' Frar 2015 li permezz taghha:

- *ai termini* ta' Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Att kontra *Money Laundering* (Kapitolu 373 tal-Ligjiet ta' Malta) ordna li l-imputat jigi processat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu ghal ksur tal-provedimenti tal-istess Att;

- *ai termini* ta' Artikolu 370(1)(3)(a) tal-Kodici Kriminali (Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta) baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

  (a) fl-Artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(b), 269(g) u fl-Artikoli 279(b), 280(1), 281(b) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (b) fl-Artikoli 251m, 251B u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (c) fl-Artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
  (d) fl-Artikoli 17, 18 u 23, 23A, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-12 ta' Marzu 2015 (*a fol.* 677), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-23 ta' Frar

2015 (*a fol.* 675), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef (*a fol.* 719 *et seq.*).

Rat illi, fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 724), il-Prosekuzzjoni u d-difiza ezentaw lill-Qorti kif preseduta milli terga' tisma x-xhieda kollha li kienu diga nstemghu minn din il-Qorti kif diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Semghet, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016, lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol* . 727a *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fis-27 ta' Marzu 2017 (*a fol.* 766 *et seq.*).

Rat in-Nota Responsiva ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fil-15 ta' Mejju 2017 (*a fol.* 775 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2017, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri bil-fomm kemm tal-Prosekuzzjoni u kif ukoll tad-difiza (*a fol.* 787 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Dicembru 2008, xehed **Guzeppi [Joseph] Grech** (*a fol.* 29 *et seq.*) fejn spjega li ibnu l-imputat kien ilu hdax (11)-il sena li mar jghix mieghu u ma' martu wara li ssepara minn ma' martu. Spjega kif l-imputat kien johrog lil ommu biex johdielha l-flus kollha u jispecifika kif fis-sena 2001 kellu post li nbiegh

Lm15,000 u li fis-sena 2005 kellu bicca art u nbieghet Lm70,000. Jixhed li filwaqt li ma jafx x'sar mis-somma ta' Lm15,000, mis-somma ta' Lm70,000 sab Lm30,000 neqsin. Jghid li martu forsi nefqet Lm15,000 biex irrangat id-dar. Jixhed li qabad Lm30,000 mill-Lm40,000 u poggiehom fil-Valletta Fund Club biex jaqilghu bil-5%. Jghid li skopra li minn Lm30,000 l-ammont nizel ghal Lm15,000 liema ammont gew migbuda minn martu pero jghid li ma jafx fejn marru. Jghid: *"Jiena staqsejt lill-mara meta kienet hajja, ghax illum mejta, ghidtilha tista' tghidli x'inti taghmel bil-flus? Qaltli ha nghidlek bejnietna, qaltli fl-ahhar ta' 2007 taghtu Lm10,000 lil Reno. Fl-2006 qaltli li taghtu Lm12,000. Fl-2005 qaltli li taghtu Lm10,000. Mort il-bank u staqsejthom u qaluli li fit-2004 ssarraf cekk ta' Lm5000"* (*a fol.* 32). Mistoqsi jghid min sarraf dan ic-cekk, jghid: *"Kien hemm il-firma tal-mara u tieghi ma tafx kif saret. Ghandi cekkijiet jiena f'idejja li fihom il-firma ta' J. Grech imma mhix il-firma tieghi. Firma falza. Issa min ghamilha ma nafx"* (*a fol.* 33). Jghid li l-imputat xtara Mercedes b'dawn il-flus kollha. Jixhed li l-imputat anqas jahdem u ma ghandux proprjeta' ghax martu haditlu nofshom. Jghid li ma jafx minn fejn gab il-flus ibnu l-imputat biex xtara l-Mercedes. Jixhed li f'kaz li hu u martu kienu jsibu oggezzjoni ghal xi haga, l-imputat kien isawwathom. Jghid: *"Lili tani bil-ponn kemm-il darba, jitfghani fuq is-sufan, izommli idejja u jaghtini go ghonqi wkoll. Sa darba tghawwigli halqi u ma ghidt lil hadd xejn"* (*a fol.* 33). Jghid li ma riedx imur il-Qorti pero fl-ahhar ma setghax jissaporti. Jghid li meta martu kienet waslet fl-ahhar u kellha bzonn hafna attenzjoni, ra lill-imputat jiftah is-*safe* u hu (l-imputat) rega' ghamel ic-cavetta tas-*safe* (li kienet l-unika cavetta) fil-*portmoney* ta' martu. Jghid li meta ftit granet wara mar fetah is-*safe* sab li l-kaxxa tad-deheb ma kienitx ghadha hemm u li l-imputat cahad li kien ha l-kaxxa pero wara xi granet l-imputat kien qallu li kien sab il-kaxxa u hu tah €200 lill-imputat pero meta martu fethet il-kaxxa kull ma sabet fiha kien deheb tat-tiswija u li ma jiswiex flus. Jahseb li kien hemm b'Lm7000 u jghid: *"ghax kien hemm girakol twil ta' ommha minn dawn it-twal hekk. Kien hemm polka ta' missierha. Kellha set ta' djamanti insomma jiswa Lm100. Kellha zewg chokers il-mara, choker ta' Twanny, arlogg tad-deheb ta' Twanny, zewg crieket tad-djamanti"* (*a fol.* 35). Jghid li qatt ma sar apprezzament taghhom. Jixhed li l-imputat kemm il-darba ha lill-ommu biex taghmel testment u jghid li hadha

Hal-Tarxien, il-Fgura u l-Hamrun. Jghid li gimgha wara li kienet tmur, kienu jmorru martuu hu u jhassruh. Jixhed li martu kienet tghidlu li jekk ma kienitx taghti lill-imputat, l-imputat kien isawwatha. Jghid li darba minnhom martu marret bi *black eye* u qaltlu li kienet habtitha mal-vettura u wara jumejn qaltlu li l-imputat kien refa' jdejh fuqha fil-vettura ghax ma tatux flus. Jghid li martu qaltlu li meta ma kienitx taghtih il-flus, l-imputat kien isuq bil-vettura bis-sahha u jiehu brejk qawwi biex ihabbtilha rasha mal-*windscreen*. Jghid li meta l-imputat kien jitolbu l-flus u hu kien isib oggezzjoni, l-imputat kien jaghtih bil-ponn u jobzoqlu f'wiccu u jghajjru b'ommu u missieru. Jispjega li ma kien jghid lil hadd biex izomm il-kwiet fil-familja u li meta mietet martu kull ma sab fil-ktieb tal-bank *joint* kienu biss €230. Jghid li darba biss ghamel rapport lill-Pulizija pero mar wara u hafirlu.

**Guzeppi [Joseph] Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2009 (*a fol.* 130 *et seq.*) fejn ipprezenta kuntratt datat 22 ta' April 2005 ta' meta martu u hu bieghu l-art ta' Wied il-Ghajn, liema kuntratt gie mmarkat bhala Dok. "GG" (*a fol.* 132 *et seq.*).

**Guzeppi [Joseph] Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2009 (*a fol.* 202 *et seq.*) fejn ipprezenta bhala Dok. "GG" (*a fol.* 204 *et seq.*) l-istess kuntratt li pprezenta fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2009.

**Guzeppi [Joseph] Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2010 (*a fol.* 371 *et seq.*) fejn qal: *"Jiena Guzeppi Grech u t-tifel kien joqghod mieghi u ghamilt kotba bhala rcevuti li qed joqghod mieghi u qed ihallasni tal-kera waqt li mhux vera, hawn ghandi l-kotba bil-firem tieghi u tal-mara li huma foloz, la huma tieghi u qas tal-mara"* (*a fol.* 371). Jghid li qatt ma rcevew kera minn ghand ibnu. Ezebixxa hames dokumenti allegatament foloz li gew immarkati bhala Dok. "GG" (*a fol.* 378 *et seq.*) u kif ukoll *specimen signature* li giet immarkata bhala Dok. "GG 1" (*a fol.* 376). Jghid ukoll li ghandu kopji ta' zewg cekkijiet bil-firem falsifikati. Jghid li hu qatt ma ffirma dawn ic-cekkijiet pero jahseb li kien ibnu l-imputat li ffirmhom ghax kien jiehu lil ommu mieghu u jiffirma c-cekkijiet f'ismu. Jghid li c-cekkijiet kienu pagabbli lilu u lil martu. Mistoqsi

jghid jekk hux minnu li suppost ha l-flus tac-cekkijiet hu, wiegeb: *"Suppost. Imma jekk hadithomx il-mara ma nafx. Setghet hadithom il-mara wkoll"* (*a fol.* 375).

**Guzeppi [Joseph] Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011 (*a fol.* 392 *et seq.*) fejn ikkonferma li l-firem li huwa ra ma humiex la tieghu u anqas ta' martu. Jghid li t-tnejn li huma huma firem foloz.

**Guzeppi [Joseph] Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2011 (*a fol.* 437 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub firma tal-mara tieghu. Jghid li ghandu dokument li ffirmat martu meta kienet ghadha hajja. Ezebixxa dan id-dokument li gie mmarkat bhala Dok. "JG" (*a fol.* 439).

Illi, fis-seduta tas-17 ta' Dicembru 2008, xehed ukoll l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** (*a fol.* 39 *et seq.*) fejn spjega li fl-10 ta' Novembru 2008 kien arresta lill-imputat u li fil-11 ta' Novembru 2008 kien kellem lil Guzeppi [Joseph] Grech u spjega x'qallu. Jghid li ha zewg stqarrijiet tal-imputat u ezebixxa dawn l-istqarrijiet li gew immarkati bhala Dok. "FF 1" u Dok. "FF 2" (*a fol.* 42 *et seq.*). Jghid li minn tfittxija li saret fil-11 ta' Novembru 2008 mid-dar fejn kien qed jirrisjedi l-imputat, gew elevati seba' snieter u diversi munizzjon u armi ohrajn u ezebixxa ricevuta li giet immarkata bhala Dok. "FF 3" (*a fol.* 49 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009 (*a fol.* 60 *et seq.*) fejn ezebixxa sitt testmenti li saru minn Maria Concetta Grech (omm l-imputat) liema testmenti gew immarkati bhala Dok. "FF 1" sa "FF 6" (*a fol.* 62 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Fabian Fleri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' April 2012 (*a fol.* 504 *et seq.*) fejn spjega li Guzeppi Grech jinsab ma jiflahx serjament u ezebixxa certifikat mediku ta' Guzeppi Grech li gie mmarkat bhala Dok. "FF" (*a fol.* 506).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009, xehed **PC 941 Mario Schembri** (*a fol.* 68 *et seq.*) fejn wara li ra ricevuta Dok. "FF 3" (*a fol.* 49 *et seq.*) ikkonferma li l-affarijiet elenkati fid-dokument imsemmi gew elevati mir-residenza tal-imputat. Jghid li flimkien mieghu kien hemm l-iSpettur Fabian Fleri, PS 329 u PC 190.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009, xehed ukoll **PC 190 Jesmond Farrugia** (*a fol.* 70 *et seq.*) fejn ikkonferma li l-affarijiet li jidhru f'ricevuta Dok. "FF 3" (*a fol.* 49 *et seq.*) gew elevati mir-residenza tal-imputat. Jghid li flimkien mieghu kien hemm l-iSpettur Fabian Fleri, PS 329, u PC 941.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009, xehed ukoll **Mario Grech** (*a fol.* 72 *et seq.*) fejn ghazel li jixhed minkejja li l-imputat huwa huh. Jghid li huh l-imputat mar joqghod mal-genituri tieghu meta ssepara minn ma' martu u mindu miet huhom iehor li kien joqghod mal-genituri tieghu, l-imputat ha *over*, qatalghhom it-telefon u kif ukoll il-*cameras* tad-dar. Jghid li biex jidhlu d-dar kienu jdumu jhabbtu siegha u ma kienux jidhlu d-dar f'kaz li ma kienx ikollhom il-*mobile* fuqhom u jaqbdu lil missierhom. Iddeskriva d-dar bhala mizbla u jispecifika li x'hin tidhol id-dar kien ikun hemm riha ta' hmieg u awrina tal-qtates u tal-kelb. Jixhed li f'Mejju jew Gunju 2004, hu (Mario Grech) mar biex idahhal il-vettura tal-genituri fil-garaxx, l-imputat oggezzjona li jdahhal il-vettura u qal: *"Dan jimbotta u jaghmillek hekk u hafna mutetti hekk"* (*a fol.* 74). Jghid li ommu (li hija mejta) gie li qabzilha kliem li l-imputat kien isawwatha. Jghid li ommu qaltlu li meta kienu jmorru jixtru, tal-hanut kien jitlobha aktar u mbaghad jghaddiehom lill-imputat. Jghid li madwar sena qabel mietet ommu, ommu qaltlu bid-dmugh f'ghajnejha li l-imputat kien qed jheddidha li la tmut ghad jaqlaghha u jkaxkarha t-triq il-gdida kollha. Jghid li ommu mietet fil-14 ta' Awwissu 2008. Jixhed li fid-dar tal-genituri tieghu, l-imputat kien ghamel il-firrolli biex min kellu c-cavetta tal-bieb ta' barra ma jkunx jista' jidhol. Jghid li l-imputat qata' t-telefon fit-12 ta' Dicembru 2007 u li hu (l-imputat) iffirma ghal missieru peress li missieru lanqas kien jaf li nqata' t-telefon.

**Mario Grech** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-17 ta' April 2012 (*a fol.* 507 *et seq.*) fejn ezebixxa kopja tac-cekkijiet li tah missieru u li missieru jghid li fuqhom m'hemmx il-firma tieghu. Jghid li lil ommhom, l-ahwa, cioé hu, Lina u Challie, kienu jaghtuha somma flus fix-xahar bhala kumpens. Ezebixxa l-kopja tac-cekkijiet li gew immarkati bhala Dok. "MG" (*a fol.* 510 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2009, xehed ukoll **Charles Grech** (*a fol.* 78 *et seq.*) fejn qal li kemm il-darba ra lill-imputat jerfa' jdejh fuq ommu. Jghid: *"L-ahhar li kont rajtu meta kien kwazi miet hija, ried il-karozza u ma riditx taghtihielu u dhalna ahna fin-nofs, morna biex niddefendu lil ommi. Dan l-ahhar dejjem kont naraha bid-daqqiet"* (*a fol.* 79). Jghid li ommu kienet tghid li kienet tkun habtet rasha mal-vettura. Jixhed li ma kienx possibbli li tidhol id-dar tal-genituri tieghu minhabba l-firolli li kien hemm u li kien idum nofs siegha jhabbat il-bieb. Jghid li kien isib lil ommu b'wiccha minfuh. Jghid li huh ma kienx irid jiftahlu u meta ommu kien ikollha wiccha minfuh bit-tharhira tal-mewt l-imputat ma kienx irid icempel lit-tabib. Jghid li l-imputat qatt ma refa' jdejh fuqu. Jghid: *"Lit-tfal tieghi pprova jwerwer. Ghadda bihom minn mal-karozza"* (*a fol.* 80).

In <u>kontro-ezami</u> jichad li hemm kwistjoni bejniethom u li ilha sejra. Jghid li ilu miggieled ma' huh madwar erba' (4) snin. Jghid li huh li miet ma halla xejn lill-imputat. Mitlub jikkonferma jekk hutu u hu hadux gost li huhom l-imputat mar joqghod mal-genituri, wiegeb li hadd minnhom ma oggezzjona. Jghid li hu (Charles Grech) ha gost li l-imputat kien ser ikun hemm. Jikkonferma li ilhom zmien twil jippruvaw jizgumbraw lill-imputat minn hemm u jghid: *"Ghax isawwat lil ommi u missieri"* (*a fol.* 83). Jghid li ommu ghamlet diversi rapport l-Ghassa tal-Pulizija u li huh l-imputat qatt ma ttella' l-Qorti ghax ommu kienet twaqqa' kollox peresss l-imputat kien jheddidha. Jghid li hu (Charles Grech) qatt ma ghamel rapport fuq huh.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2009, xehed **PS 329 Reuben Saliba** (*a fol.* 106 *et seq.*) fejn spjega li fil-11 ta' Novembru 2008 kien gie nkarigat mill-iSpettur Fabian Fleri sabiex jaghmel tfittxija ghal xi deheb li allegatament kien misruq f'residenza numru 5, Triq Felice,

Zabbar. Jghid li hu mar jaghmel din it-tfittxija flimkien mal-iSpettur Fleri, PC 190 u PC 941, liema tfittxija jghid li saret fil-prezenza tal-imputat. Jghid li ma nstab l-ebda deheb pero wara xi hin l-imputat uriehom xi armi. Wara li ra ricevuta Dok. "FF 3" (*a fol.* 49 *et seq.*) qal li din hija lista ta' snieter li gew elevati flimkien ma' skratacc ta' diversi tipi u xi skieken, *revolver* zghir, kif ukoll speci ta' ornament qisu *cross bow* zghira.

Illi, fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2009, xehed ukoll in-**Nutar Charles Vella Zarb** (*a fol.* 109 *et seq.*) fejn ipprezenta l-ahhar testment li sar minn Maria Concetta Grech, liema testment gie mmarkat bhala Dok. "CZ" (*a fol.* 118). Jixhed li Maria Concetta Grech tigi minnu u ma jafhiex biss b'mod professjonali. Jghid li l-imsemmija Grech ghamlet hafna testmenti li gew revokati. Mistoqsi jghid jekk Grech kienitx tkun wahidha meta taghmel xi testmenti jew xi karti relattivi, wiegeb li hafna drabi kienet tkun mar-ragel taghha. Spjega li Maria Concetta Grech ma rieditx turi lil Reno li kienet qed taghmel l-ahhar testment peress li riedet tirrevoka testment li ghamlet qabel u qaltlu li kienet ghamlitu kontra x-xewqa taghha u riedet thassru peress li qaltlu li kienet mgieghla. Jghid li meta ghamlet l-ahhar testment ried jassikura ruhu li Maria Concetta Grech tkun libera u fil-fatt ma halla lil hadd fil-kamra u b'hekk spjega li dak li sar quddiemu sar bil-volonta' taghha. Mistoqsi jghid jekk Maria Concetta Grech kienitx qaltlu minn min kienet mgieghla taghmel it-testment (dak li riedet tbiddel), jghid: *"Nahseb jiena li mit-tifel hux ghax hu"* (*a fol.* 113). Mistoqsi jghid jekk qaltlux hi, wiegeb: *"Le Le ma nistghax nghid"* (*a fol.* 113). Jghid: *"Le jiena d-diffikulta' tieghi biss hi, ma nafx jekk ghax qaltliex hi jew ghax kumbinazzjoni naf ghax jiena naf l-istorja kollha ta' dawn in-nies. Allura ma nafx jekk hux ghax qaltliex hi jew ghax kumbinazzjoni kont naf diga"* (*a fol.* 114). Jghid li l-imputat huwa sekond kugin tieghu u li l-imputat qatt ma kellmu fuq it-testmenti ta' ommu.

In <u>kontro-ezami</u> mistoqsi jghid jekk hux minnu li bejnu u bejn l-imputat kien hemm ftit ta' antagonizmu, wiegeb: *"Minn naha tieghu iva, imma min-naha tieghi le"* (*a fol.* 116). Spjega li l-imputat kien mar jaghmel rapport lill-Pulizija li hu (in-Nutar) kien ghamel it-testment

ta' hu l-imputat falz. Jghid li hu ma ghamel l-ebda rapport pero l-Pulizija hadu passi kontra l-imputat.

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2009, xehdet in-**Nutar Patricia Hall** (*a fol.* 124 *et seq.*) fejn spjegat li fit-30 ta' Jannar 2009 ppubblikat testment sigriet li sar minn Maria Concetta Grech. Ezebiet dan it-testment li gie immarkat bhala Dok. "PH" (*a fol.* 127 *et seq.*). Spjegat li Maria Concetta Grech kienet marret wahidha. Mistoqsija tghid jekk kienx hemm xi raguni ghala sar dan it-testment sigriet, wiegbet li Maria Concetta Grech xtaqet taghmel testment li hadd ma jkun jaf li ghamlitu u b'hekk jekk xi hadd jaghmel ricerka ma jinstabx. Mistosija tghid jekk Maria Concetta Grech qaltilhiex li kien hemm xi raguni ghal dan, wiegbet: *"Dan partikolari xtaqet taghmlu sabiex wiehed mit-tfal taghha ma jkunx jaf li ghamlitu b'dan il-mod, bil-mod ta' secret will"* (*a fol.* 125). Spjegat li r-raba' artikolu ta' dan it-testment jaqra hekk: *"Niddikjara li jiena u zewgi Joseph Grech soffrejna diversi azzjonijiet, mohqrija, ingurji serji, theddid u swat kif jixhed ic-certifikat illi qed jigi hawn anness u dana aparti minn azzjonijiet serji ohra bhal disprezz u insulti maghmulin fil-pubbliku, u serq ta' flus minn ghandi illi ghalihom l-ligi tippermetti d-dizeredidazzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet jiena qed niddizeredita lil ibni Nazzareno Grech"* (*a fol.* 128).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Marzu 2009, xehdet ukoll **Audrey Ghigo** (in rapprezentanza tal-bank HSBC – *a fol.* 137 *et seq.*). Tixhed li giet mitluba tghid x'kontijiet bankarji kien hemm fuq isem Maria Concetta Grech (I.D. Nru. 744031(M)) u f'isem Guzeppi Grech (I.D. Nru. 196326(M) ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Tghid li minn ricerka li saret rrizulta li ma kien hemm l-ebda kont fuq Guzeppi Grech. Fir-rigward ta' Maria Concetta Grech tghid li hemm: (a) *savings account* li nfetah fl-24 ta' Frar 2009, (b) *fixed account* li nfetah fis-27 ta' Jannar 1994, (c) *savings account* li nfetah fis-17 ta' Dicembru 1999 u nghalaq fit-12 ta' Jannar 2004 u (d) *fixed account* li nfetah fl-10 ta' Jannar 2000 u li nghalaq fl-10 ta' Jannar 2004. Ezebiet numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "AG", "AG 1", "AG 2", "AG 3" (*a fol.* 139 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2009, xehed **Joseph Borg Cardona** (in rapprezentanza tal-Bank of Valletta – *a fol.* 189 *et seq.*). Jghid li mir-

ricerka li ghamel sab li fuq Cettina [Maria Concetta] Grech (I.D. Numru 744031(M)) hemm kont *fixed deposit* ta' sena, liema kont inghalaq fit-8 ta' Novembru 2007. Jghid li l-flus ta' dan il-kont gew trasferiti ghal go kont iehor f'isem Cettina [Maria Concetta] Grech u ngibdu minnha.

Jghid li hemm kont iehor *savings* fuq Joseph Grech u Cettina [Maria Concetta] Grech. Jghid: *"Dan il-kont qaluli biex nezebixxi diversi vouchers li kienu jammontaw ghal Lm10,000, Lm8,000, hawn hafna vouchers li jiena rnexxieli wkoll ingibhom hawn hekk, huma annessi mal-kont u dan il-kont kien nghalaq permezz ta' legal ruling"* (*a fol.* 190). Jispjega li *legal ruling* ifisser li persuna tkun mietet u tkun halliet testment u mbaghad ikollhom miktub skond it-testment lil min ikollhom jithallsu.

Jghid li kien hemm kont iehor *fixed deposit* ghal sena f'isem Cettina [Maria Concetta] Grech, li fl-ahhar ta' Jannar 2008 kellu €7413.23, liema kont gie maghluq fid-29 ta' Jannar 2008.

Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "JBC", "JBC 1" u "JBC 2" (*a fol.* 192 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Mejju 2009, xehed **Emanuel (sive Lino) Grech** (*a fol.* 207 *et seq.*) fejn ghazel li jixhed minkejja li l-imputat huwa huh. Jispjega kif l-imputat qatt ma kien jingieb ma' missieru. Jghid: *"Dejjem bl-argumenti u dejjem joffendih b'ommu u bil-familja tieghu"* (*a fol.* 208). Jghid li dan kien jigri ghal kull haga ta' xejn. Jixhed: *"Li sirna nafu dan l-ahhar li dan hu kien johrogha u ahna lanqas nistghu inkellmu lil ommi ghax jaqta' t-telefon u jaqta' l-intercom u mmur insewwieh jiena stess it-telefon id-dar u wara hames (5) minuti li nohrog mid-dar jaqta' l-wires u jarmiehom u nirranga l-intercom u jaqta' l-wires u hekk biex ma jkunx hemm komunikazzjoni mal-genituri. Biex nidhlu d-dar irrid naghmlu kwarta nhabbtu wara l-bieb ghax ma tistax tidhol ghax biex tidhol kollu firrolli u staneg ghax bezzaghhom li taparsi ser jidhlu fuqhom nahseb jiena jew biex ma nidhlux ahna"* (*a fol.* 209). Jghid li qatt ma sema' lill-imputat jhedded lil ommu. Jghid li ommu qatt ma qaltlu li l-imputat kien hadha biex taghmel testment. Jghid pero li ommu kienet tkun imbengla f'wiccha u jahseb li gie habtilha rasha

mal-*windscreen*. Mistoqsi jghid jekk qattx staqsa lil ommu x'kien gara, wiegeb: *"Kienet tghid li habtet jew mal-windscreen jew habtet mal-bieba u dejjem bl-iskuzi biex izzomm il-kwiet"* (*a fol.* 209). Jghid li kemm il-darba ra t-tbengiel fuq ommu u li ommu kemm il-darba marret tirraporta lill-imputat li kien taha xebgha u li kien sawwatha. Jghid li saru rapporti wkoll li l-imputat sawwat lil missieru. Jixhed li mbaghad kienu jmorru jahfrulu peress li jigi binhom. Mistoqsi jghid jekk jafx xi haga dwar xi flus, wiegeb li dak li jaf hu li missieru qal li ma sab l-ebda flus: la l-bank u anqas id-dar. Jghid li l-imputat ha l-flus kollha u li meta ngibdu l-i*statements* mill-bank, instab li gibed Lm4,000 kull xahrejn jew Lm6,000 kull xahrejn. Jixhed: *"Ommi ahna konna naghtuha cekk ta' Lm60 bejnietna kull xahar ghax kien hemm xi flus ta' hija u tathomlna, interessi taghhom u wara li naghtuha c-cekk, wara jumejn li naghtuhulha, tghidilna m'ghandhiex biex niekol l-ghada. Wara tliet ijiem tghidilna li flus m'ghandhiex"* (*a fol.* 211). Jghid li ommu ma kienitx tispjegalhom fejn kienu jmorru dawn il-flus.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2009, xehed **Michael Schembri** (in rapprezentanza ta' Global Capital Finance – *a fol.* 227 *et seq.*) fejn spjega kif l-imputat ghandu polza maghhom *single premium investment* li hija maghrufa bhala *life policy*. Jghid li din giet maghmula f'Gunju 2007 u l-ammont huwa dak ta' Lm8245. Jghid li din il-polza giet attivata f'Gunju 2007. Ezebixxa numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MS", "MS 1" u "MS 2" (*a fol.* 229 *et seq.*).

**Michael Schembri** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 (*a fol.* 273 *et seq.*) fejn spjega li dan huwa investiment, *life policy*, *single premium*. Jghid li jkun sar pagament wiehed fil-bidu nett li kien f'Mejju 2007. Jghid li l-ammont kien dak ta' Lm8245, li minnhom Lm4000 kienu cekk tal-BOV u d-differenza ta' Lm4245 kienu *cash*. Jghid li dan ikun pagament ta' darba. Jghid li l-polza kienet originarjament ghal hames snin. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MS" (*a fol.* 276 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2009, xehed ukoll **Jean Claude Bugeja** (in rapprezentanza ta' Island Financial Services – *a fol.* 232 *et seq.*)

fejn beda billi kkonferma Dok. "FF 1" (*a fol.* 164A *et seq.*). Spjega fiex jikkonsistu dawn id-dokumenti fejn jghid li l-investitur kien Nazzareno Grech (I.D. Nru. 629254(M)). Jixhed li ghandu dokumenti ohra fejn dan il-persuna talab il-flus, parti biex ihallas xi Qrati u hu gie moghti flus mill-investiment. Jghid: *"L-affarijiet godda li hemm huwa l-fatt li kellu bzonn €400 u kellu bzonn €2000. Il-€400 tajniehomlu fis-17 ta' Dicembru 2008 u ghandna wkoll konferma fejn rceviehom u €2000 tajniehomlu fil-21 ta' Jannar 2009 li ghandna konferma minn Dr. Dalli li rceviethom ghan-nom tieghu" (a fol.* 233*).* Ezebixxa dokumentazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "JCB" (*a fol.* 235 *et seq.*).

**Jean Claude Bugeja** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2009 (*a fol.* 264 *et seq.*) fejn spjega li dokument *a fol.* 164A jispjega l-modalita' tal-pagament ta' €52,000. Jghid li effettivament kien inghata cekk min naha tal-Middlea Sea pagabbli lil Nazzareno. Spjega li meta tkun istituzzjoni finanzjarja kredibbli u ta' certu reputazzjoni ma joqghodux jindagaw. Jghid li *a fol.* 166 huwa cekk min-naha tal-Middle Sea Valletta ta' €52,994 li gie nvestit fil-figura ta' €52,000 u taw lura d-differenza ta' €994 lill-klijent. Spjega li minn €52,000 gew mibjugha 10,000 bhala *units* u mhux bhala valur ghax l-investiment nizel harira. Jghid: *"Minn 52 saret 42 issa l-ammont investit. Biss ghad fadlilna xi cash f'idejna ghan-nom tal-klijent ukoll"* (*a fol.* 266). Jghid: *"Fil-fatt li qed nipprezenta hija kopja minn ghand il-Qorti tas-7 ta' Settembru fejn kien hemm request ta' €5000 u c-cekk ukoll li hrigna ahna ta' €5000, il-fatt li ahna bghenna 10,000 unit u l-ammont ta' 10,000 unit huma 9,400 u lista ta' transazzjonijiet fejn juru li ghad fadal ammonti ta' cash ta' 2004.32 u 42,000 units li ghad fadal investiti"* (*a fol.* 266). Dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok. "JCB" (*a fol.* 269 *et seq.*).

In <u>kontro-ezami</u> jghid li l-investiment sar f'Ottubru 2008 u l-flus kienu moghtija f'Settembru 2008. Jghid li d-dokument ta' meta gie moghti l-flus jinsab *a fol.* 166.

Illi, fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2009, xehdet ukoll **WPC 117 Sylvia Zarb** (*a fol.* 241) fejn ipprezentat kopja tal-licenzji tal-armi tal-imputat, liema dokument gie mmarkat bhala Dok. "SZ" (*a fol.* 243).

Illi, fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2011, xehed **Brian Farrugia** (in rapprezentanza ta' Transport Malta – *a fol.* 389 *et seq.*) fejn spjega li vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 594 hija tal-ghamla Mercedes Benz ta' kulur *silver* u li ilha registrata fuq isem Stephen Attard (I.D. Nru. 226688(M)) minn Haz-Zabbar mis-7 ta' Dicembru 2007. Ezebixxa d-dokumentazzjoni xehed fuqha li giet immarkata bhala Dok. "BF" (*a fol.* 391).

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Lulju 2011, xehed is-**Sur Joseph Gaffiero** (*a fol.* 446 *et seq.*) fejn qal: *"Dan kien hemm zewg libretti ta' kera li wiehed jghid li l-kera trid tithallas bhala Lm60 fis-sena u l-ohra bhala Lm12 fil-gimgha li l-ammont m'ghandhomx x'jaqsmu. Nghid ukoll li l-kotba huma miktubin mill-istess id, jigifieri min kiteb wiehed, kiteb l-iehor u l-firem li tinqara bhala Guzeppi Grech jew Joseph Grech jew J Grech jew Joe Grech jew Grech Joe jew Grech Joseph, l-ebda minnhom ma huma ta' Guzeppi Grech"* (*a fol.* 446). Ezebixxa r-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JG" (*a fol.* 448). Din in-nomina kienet tirrigwarda Dok. "GG", "GG 1" u "GG 2". Fir-rapport tieghu, jghid hekk:

> "<u>Paragun</u>
> Meta pparagunajt iz-zewg libretti tal-kera, jigifieri Dok. "GG" u Dok. "GG 1", jiena kkonkludejt dan li gej:
>
> […]. Dok. "GG" kollu miktub bl-inka sewda u Dok. "GG 1" kollu bl-inka blu.
>
> Il-librett Dok. "GG" huwa maghmul li jgieghlek tifhem li hu miktub minn Joseph Grech u tidher il-firma li taqra 'Joseph Grech' qabel ta' dik li tinqara bhala 'Cettina Grech'.
>
> Nghid bla ebda skruplu u lanqas dubju li min kiteb fil-librett Dok. "GG" huwa l-istess persuna li kiteb fil-librett Dok. "GG 1". Id-differenzi fil-kitba huma sfurzati, tant li min kitibhom, thabat mhux ftit biex ivarjhom minn xulxin. It-tieni ktieb jinfurmak li hu miktub minn Cettina Grech – bl-istess inklinazzjoni, ghafsa, zbalji fl-ortografija u iktar tharbix mis-soltu – bl-iskop li forsi ma jintgharafx wiehed minn iehor. Nirrepeti bil-qawwa kollha li z-zewg libretti,

m'hemmx dubju li gew miktuba mill-istess id. Nghid li min kitibhom kellu minn fuq xiex jikkopja l-firem ta' Giuseppi Grech, ghax min hu, jidher car li pprova jxebbah il-firma ta' Giuseppi Grech ma' dawk li ghamel quddiemi Giuseppi Grech – '*seduta stante*' fl-24 ta' Gunju.

Il-firma ta' Giuseppi Grech m'ghandhiex x'taqsam mal-firem kollha li jaqraw bhala Joseph Grech fuq il-libretti.

[…]

Il-konkluzjoni hija wahda – Il-kitba fuq il-libretti jien miniex f'pozizzjoni li nghid min kitibha – nghid biss <u>b'certezza</u> li l-firma fuq kull pagna taz-zewg libretti, li taqra jew 'Joe Grech' jew 'Grech Joseph' jew 'Joseph Grech', jigifieri ghaxar (10) firem, m'humiex ta' Joseph Grech, imma huma kollha foloz.

Dwar il-fotokopja Dok. "GG 2", il-firma li tidher bhala 'J. Grech' nghid li hi vera (jigifieri l-originali tidher li kienet iffirmata minn Joseph Grech, I.D. Numru 196326(M))".

Is-**Sur Joseph Gaffiero** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 654) fejn ezebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. "JG" (*a fol.* 656 *et seq.*). Jghid li l-kitba tal-librett hija kollha miktuba bl-istess id u jispecifika li din hija tal-imputat Grech. Fir-rapport tieghu Dok. "JG" (*a fol.* 656 *et seq.*), Gaffiero jghid hekk:

"**<u>Paragun</u>**
Fir-rapport tal-20 ta' Lulju, 2011, peress li Reno Grech ma kienx tani kampjuni tal-kitba u firma tieghu, jiena stajt nara biss li l-kitba ma kienitx ta' Giuseppe Grech, missier Reno, imma li l-kitba u l-firem ta' Joseph Grech kienu foloz.

Illum nghid b'certezza li l-kitba tal-libretti kollha hija maghmula minn Reno Grech, li jgib in-numru tal-karta tal-identita' 0629254M. Il-kitba hija medjokri, zbalji banali fl-

ortografija bhal tali flok talli, u ittri kapitali bhal 'K' fejn mhijiex mehtiega. It-tifsil tal-ittri tal-kampjun li ghamel quddiemi huma identici ma' dawk tal-libretti b'kull aspett. Dan qieghed nghidu bl-iktar responsabbilita' u certezza.

Dwar il-firma ta' Cettina Grech (ommu, illum mejta), hemm xi nuqqasijiet bhal darba minnhom naraw Cettina Grech. Darb'ohra Cetina (b't wahda) u ohra Cett---- u tispicca fix-xejn. Fi ftit kliem, m'hemmx wahda bhall-ohra. Li nista' nsostni li l-firem li jidhru bhala Cettina Grech ma jaqblux bejniethom, u ma tezisti ebda similarita' li tipperswadik li huma maghmula mill-vera Cettina Grech. Anzi, dawn il-fatti ssuggerixxu l-possibilita' tal-istess tendenza li ghandu fit-tifsil tal-kliem Reno Grech

**Dwar il-Karta tal-Identita'**

Qieghed inpoggi l-ID card tieghi personali, tmiss mal-I.D. card li baghtilna Reno Grech, fejn jidher car dan li gej: 'Reno' jidher li beza' li jien ninduna li mhux soltu li jaghmel it-tidwira tal-'g' in-naha t'isfel – ta' certu daqs – u allura fil-kampjuni kien qieghed jezagera biex jizgwida. Dan irrizulta fi qtugh tal-parti ta' isfel tal-card, b'harira izjed min-nofs centimetru u jekk thares lejn is-sezzjoni fejn iffirma l-Kummissarju tal-Pulizija (fuq l-ahmar), dan jidher aktar car. Ghaldaqstant, qieghed ninkludi ritratt (fotokopja) tal-ID card ta' Reno magenb tieghi (din bid-dettalji mghottija) bhala paragun fid-daqs li gie mbaghbas mill-gholi u anki mill-wisgha. Din ma nistax nara l-iskop!

Nghid li din ma ghamlet ebda differenza, u nerga' nsostni dak li diga' ddikjarajt, li l-kitba tal-libretti hija kollha maghmula minn Reno Grech, kif ukoll il-firma ta' missieru, sew jekk hi Joseph Grech, Joe Grech, Grech Joseph. Il-firma ta' Joseph Grech, missieru, dejjem kienet 'JGrech', u halifli li qatt ma kien ibiddilha, apparti minn dan. Il-paragun juri car li ebda firma ta' fuq il-libretti ma tixxiebah, la bejniethom u lanqas ma' dawk genwini, dawn kollha ghandhom l-istil, il-forma, l-ghamla u l-tharbixa ta' Reno

Grech. Dan nerga' nsostnieh sincerament bl-akbar certezza".

Illi, fis-seduta tal-21 ta' Dicembru 2011, xehed **Stephen Attard** (*a fol.* 473 *et seq.*) fejn qal li vettura Mercedes Benz C Class bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 594 kienet tieghu u jidhirlu li kien fis-sena 2007. Jghid li din ma baqghitx tieghu ghax bieghha lil Reno Grech u li Grech qallu biex ihallieha fuq ismu (fuq isem Stephen Attard) peress li hu (l-imputat) kien ghaddej f'kaz ta' separazzjoni. Jghid li lill-imputat qallu biex jaghmlu karta bl-avukat u li din saret fis-6 ta' Dicembru 2007. Ezebixxa d-dokument li sar ghand l-avukat li gie mmarkat bhala Dok. "SA" (*a fol.* 482). Jghid li hu thallas tal-vettura pero jghid li t-trasferiment baqa' ma sarx. Jghid li kienu ghamlu *part exchange* u l-kumplament hu (Attard) kien hadhom flus. Jghid li kien hemm parti cekk u l-kumplament *cash*. Jghid li c-cekk gie onorat u li ma jiftakarx kemm kien inghata *cash*. Jghid li l-vettura tinsab go garaxx ghand il-familja tal-imputat bil-licenzji maghluqin u bil-multi ghaddejjin. Jghid li l-imputat kien qallu biex hu (Attard) jibqa' jghid li l-vettura hija tieghu (ta' Attard) u li l-vettura kienet mislufa ghandu (ghand l-imputat). Jghid li anke baghat ittri lill-imputat biex jiehu hsieb jaghmel it-trasferiment. Ezebixxa tlitt ittri miktuba ghan-nom tieghu li gew immarkati bhala Dok. "SC 1" u "SC 2" (*a fol.* 483 *et seq.*). Jghid li rceva wkoll ittra minn ghand l-avukat tal-imputat fejn qed jinghad li l-vettura hija tieghu (ta' Stephen Attard). Jghid li din l-ittra ma kienitx tinsab fuqu dakinhar li xehed. Jghid li huwa jaf li l-vettura tinsab go garaxx tal-familja tieghu peress li qallu hekk l-imputat.

**Stephen Attard** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-15 ta' Mejju 2013 (*a fol.* 553 *et seq.*) fejn spjega li l-vettura Toyota kienet ta' Nazzareno Grech u li hu (Attard) hadha bi tpartit minn ghandu u mbaghad hu (Attard) bieghha. Jghid li l-vettura daret fuq is-sid mal-ewwel ghax hu (Attard) bieghha mal-ewwel.

Illi, fis-seduta tas-17 ta' April 2012, xehed **Dr. Vincent Galea** (*a fol.* 502 *et seq.*) fejn spjega li kien gie nominat biex jaghmel ricerka ta' l-

assi kollha ta' Nazzareno sive Reno Grech. Ezebixxa din ir-relazzjoni li giet immarkata bhala Dok. "VG/NG" [3].

**Dr. Vincent Galea** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 559 *et seq.*) fejn ezebixxa Nota li maghha hemm anness kopja ta' verbal ta' access li nzamm fil-fergha tal-Bank of Valletta f'Haz-Zabbar, liema Nota giet immarkata bhala Dok. "VGA" (*a fol.* 561 *et seq.*) flimkien ma' hdax il-ritratt li qed jigu mmarkati bhala Dok. "VGA 1" sa "VGA 11" (*a fol.* 565 *et seq.*). Jghid li fis-*safety deposit box* ma nstab assolutament xejn.

Illi, fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2015, xehdet **Ilenia Micallef Grimaud** (in rapprezentanza ta' MSV Life Plc li kienet Middlesea Life Assurance – *a fol.* 671 *et seq.*) fejn spjegat li kellha tipproduci kopja ta' cekk li thallas lil Nazzareno Grech liema dokument gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "MG" (*a fol.* 673). Tghid li dan ic-cekk thallas bhala *refund* ta' polza li giet kancellata li kienet qed tinzamm minn Nazzareno Grech ma' l-MSV Life. Tghid: *"Il-polza kienet tas-single premium policy jigifieri bazikament kien jithallas ammont inizjali, kien hemm top-up ulterjuri u mbaghad jizdied ma' l-ammont globali l-bonus declaration ta' kull sena"* (*a fol.* 671). Tghid li din giet kancellata fis-sena 2008 u thallas l-ammont ta' €52,994.87.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2015, xehed **Gianluca Cappitta** (in rapprezentanza ta' Global Capital Life Insurance Limited – *a fol.* 678 *et seq.*) fejn spjega li gie mitlub jixhed fuq il-polza li kellu Nazzareno Grech. Jghid li l-polza ta' assigurazzjoni in kwistjoni tissejjah *Global Capital Investment Bond* u jispecifika li din hija polza fejn fl-4 ta' Gunju 2007 il-klijent investa s-somma ta' Lm8245 ghal terminu ta' hames (5) snin u b'hekk il-polza mmaturat. Jghid li l-assi ghadhom immaturati mal-kumpanija fis-sens li ghadhom ma ngibdux u baqghu jigu nvestiti. Jghid li kien hemm sekwestru. Ezebixxa kopja tal-*file* shih li gie mmarkat bhala Dok. "GC" (*a fol.* 681).

Illi, fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2016, xehed l-imputat **Nazzareno Grech** (*a fol.* 727a *et seq.*) fejn spjega li fiz-zmien meta nbeda l-process ta' separazzjoni minn ma' martu, huwa hareg mid-dar

[3] *Envelope loose.*

matrimonjali u mar joqghod mal-genituri tieghu f'Haz-Zabbar. Jghid li apparti l-genituri tieghu kien hemm ukoll huh. Jispjega li meta mar ghand il-genituri tieghu kien jiehu hsiebhom u jispecifika li kien isajjar u kien johrog lil ommu peress li kellha attakk nervuz u b'hekk kien jiehu hsiebha u jdur biha. Jghid li kien baqa' jaqdi lill-genituri tieghu. Jixhed li huwa qatt ma resaq il-bank ma' ommu u ezebixxa ittra li giet immarkata bhala Dok. "NG 1" (*a fol.* 728) fejn spjega li missieru kien mar jaghmel ittra l-bank li l-flus li jingibdu mill-bank iridu jkunu ffirmati mill-genituri tieghu. Jichad li uza xi flus ghalih ghal gwadann tieghu. Mistoqsi jghid jekk jafx bihom dawn il-flus jew fejn marru, wiegeb: *"Le jien ma nafx bihom dawn il-flus. Din xi haga gdida ghalija tallum"* (*a fol.* 727c). Jghid li l-flus li kellha ommu nefqithom kollha f'affarijiet fid-dar. Jispjega li l-affarijiet li xtrat ommu jiswew hafna flus u jispecifika li ommu xtrat is-segwenti: inkwadri, kcina, *televisions*, statwi, u sufanijiet tal-gielda. Jghid li dawn kienu kollha affarijiet lussuzi. Ezebixxa hamsa u ghoxrin (25) ritratt li gew immarkati bhala Dok. "NG 2" sa "NG 26" (*a fol.* 729) liema ritratti hadhom hu u jghid li dawn juru l-affarijiet li semma. Jghid li ommu xtrat il-bicca l-kbira tal-affarijiet minn ghand id-Dallas 2000 tal-Hamrun. Spjega li statwa minnhom kienet tisa' Lm1000 u li sufan tal-gielda jiswa Lm3000. Jiddeskrivi lil ommu bhala dilettanta tad-dar u jispjega li ommu kienet tixtri antikitajiet u affarijiet fini u ta' valur u kienet tixtri minn ghand l-aqwa hwienet. Jghid li hu kien johrog ma' ommu u kienet tghidlu biex imur maghha. Jixhed li l-affarijiet nxtraw xi sena wara li kellha l-flus li qed jinghad li naqsu. Jghid li lil missieru ma kienux juruh l-affarijiet li kienu jixtru. Mistoqsi ghala, jghid: *"Ghax missieri gej mir-razza tal-guh u missieri kienu hafna tfal, ix-xi haga li kellna tal-gid min-naha ta' ommi, u ommi kienet tghidilna "Kemm ha nghidlu? Hamsin lira? Allura konna nahbu minnu"* (*a fol.* 727e). Jghid li meta kienu jmorru jixtru kienu jkunu ommu u hu biss.

Fir-rigward tal-bank jghid li hu qatt ma mar ma' ommu u dana peress li ommu kienet iggib il-flus mill-bank ma' missieru u bil-flus kienu jmorru jixtru jew inkella kienet thallsu meta kienet tasal id-dar. Fir-rigward tal-allegazzjoni li hu ghamel firma falza li tixbah lil ta' xi hadd mill-genituri tieghu biex jigbed xi flus, qal: *"Dak kien cekk ta' hija Twanny li kien tahulu tal-insurance u l-mama kienet marret*

*qaltli biex inwassalha f'post biex issarrfu fuq l-idejn ghax bazikament missieri kien jiehdu u kien iqassmu lil huti u ma kien jaghtiha xejn"* (*a fol.* 727e). Jghid li missieru kien ihalli lil ommu hafna nieqsa mill-flus u b'hekk ommu ma kienx ikollha flus u dana minkejja li l-flus kienu jkunu taghha. Jghid li huwa ma ghamel l-ebda firem foloz. Jichad li qatt kellu xi access ghal xi *safety deposit box* il-Bank of Valletta f'Haz-Zabbar. Jghid li din kienet ilha hemm zmien u qatt ma kellu xejn go fiha ghax kienet infethet. Mistoqsi jghid meta kien applika ghaliha l-ewwel darba, jghid li m'ghandux amment pero jghid li kienet ilha ghandu minn mindu kien ghadu l-hanut u kien jinnegozja u jbiegh. Jghid li dan kien ghas-sena 1995-1996. Jichad dak li qalu hutu fis-sens li hu ma kellux flus ghax ma kienx jahdem. Jghid li huwa kien importatur u kellu wkoll *showroom* f'Triq il-Kanun u minnha kien ibiegh l-affarijiet li kien idahhal f'Malta. Jghid li kien ilu fin-negozju minn madwar is-sena 1990 u li minkejja li llum il-gurnata ma ghadux jimporta pero ghadu jigi mfittex biex jaghmel xi tiswijiet. Jghid: *"Tiswijiet barra hekk kont inbiegh car lifts, jakkijiet"* (*a fol.* 727g). Jghid ukoll li kien wiehed mill-importaturi tajbin f'Malta.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li kien ilu joqghod ghand il-genituri tieghu madwar sentejn qabel mietet ommu. Mistoqsi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu qabel mar joqghod mal-genituri tieghu, jghid li l-bank kellu xi Lm30,000. Jghid li kien ghadu jahdem fil-hanut f'Triq il-Kanun, Qormi u li ommu kellha kancer u kienet fl-ahhar ta' hajjietha u kienet f'kundizzjoni hazina hafna. Ghad-domanda jekk hu qattx mar il-bank flimkien ma' ommu biex jigbor xi flus jew biex jaghmel tranzazzjonijiet ta' flus gewwa l-bank, wiegeb: *"Ma jidhirliex"* (*a fol.* 727h). Mistoqsi jghid jekk qattx mar ma' ommu ghand nutara biex taghmel testment, wiegeb fl-affermattiv u jghid: *"Gie li wassaltha x'imkien. Qaltli "biex naghmel testment" imma bil-volonta' taghha"* (*a fol.* 727h). Jghid li ma kienx jidhol maghha pero kien jistennieha barra. Mistoqsi jghid kemm il-darba mar ma' ommu biex taghmel testment, wiegeb: *"Issa gibtni dari mal-hajt. Ma nistax nghidlek"* (*a fol.* 727h). Gie suggeriet lilu li mar xi tliet darbiet, u hu wiegeb: *"Jista' jkun iva"* (*a fol.* 727h). Mistoqsi jghid kif jispjega li kull darba li mar ma' ommu biex taghmel testment, dawn it-testmenti dejjem kienu jkunu favur tieghu u ftit wara kull testment

ommu kienet terga' tmur ma' missieru ghand l-istess nutar u tbiddel it-testment, wiegeb: *"Dan ghaliex il-mummy tieghi kienet mal-mara tieghi t-tfal tieghi ma kienux jingiebu maghha u hi ma ridithomx li jgawdu mill-gid taghha"* (*a fol.* 727h). Jghid li l-affarijiet li jidhru fir-ritratti li ezebixxa nxtraw qabel ommu spiccat fis-sodda, jigifieri fis-sena 2006-2007. Jghid li hu kien akkumpanja lil ommu meta xtrat l-affarijiet li jidhru fir-ritratti. Jghid li ommu xtrat gradenzji bl-interzjat u kif ukoll televizjoni kompjuterizzat. Jikkonferma li kellu flus ma' kumpaniji ta' servizzi finanzjarji. Jghid li l-flus li kellu kienu gew min-negozju li kellu. Mistoqsi jghid jekk kienx imur jiltaqa' man-nies biex jikrilhom xi postijiet li huma tal-genituri tieghu, wiegeb: *"Le imma dak kienet tqabbadni ommi biex nikri dan il-post ta' Marsascala u ta' hija Twanny ghax hallihom uzufruttwarji li huma jiehdu hsieb il-post ta' Twanny"* (*a fol.* 727i). Jghid li ladarba kien imur hu, kien jiffirma hu. Mistoqsi jghid jekk kienx hu li ghamel il-firma li rrizulta li hija ffalsifikata fuq id-dokumenti tal-kera, wiegeb: *"Ma nafx biha, nahlef li ma nafx biha"* (*a fol.* 727i). Jghid li ma ghamilhiex hu. Jghid li nesa x'kien xehed f'dawn il-proceduri sid il-vettura minn ghand min hu xtara l-Mercedes. Meta gie mfakkar li dan kien qal li hu (l-imputat) kien qallu biex ihallieha fuq ismu u ma jitkellem xejn li kien xtraha hu, wiegeb: *"ghax kont ghadni ma hallastux cash. Kont partattielu"* (*a fol.* 727j). Jghid li kellu jkompli jaghtih €100 fix-xahar u li kien partatha pero xorta kien ghad kellu jaghtih (l-imputat lilu) ghax it-Toyota giet stmata €2000 biss. Meta gie mistoqsi jghid ghala kien qallu biex jghid hekk, wiegeb: *"Dak inti qed tghidu li jien ghidtlu biex jghid hekk. Jien ma kontx ghadni ma hallastux"* (*a fol.* 727j).

**Ikkunsidrat**

Illi f'din il-kawza l-imputat qed jigi akkuzat b'diversi imputazzjonijiet: fosthom imputazzjoni li temergi minn Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta (Att konta l-*Money Laundering*) u kif ukoll b'imputazzjonijiet ohra li jemergu minn Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioé b'serq aggravat b'numru ta' kwalifiki, bi vjolenza kontra l-privat u kif ukoll talli kkaguna biza' li ser tintuza vjolenza.

Illi minkejja li fl-istqarrijiet (Dok. "FF 1" – *a fol.* 42 *et seq.* u Dok. "FF 2" – *a fol.* 46 *et seq.*) rilaxxati mill-imputat lill-Pulizija, l-imputat qajla wiegeb ghad-domandi li sarulu, pero l-Qorti tinnota li ser tiskarta l-imsemmija stqarrijiet u dak li nghad fihom u dana *stante* li meta ttiehdu dawn l-istqarrijiet l-imputat ma nghatax zmien jikkonsulta ruhu ma' avukat qabel kellem lill-Pulizija. Dana ma setghax isir ghaliex il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, u cioe' fis-sena 2008, ma kienitx taghti d-dritt lill-imputat jaghmel dan. Dan jinghad in vista tal-gurisprudenza ricenti, fosthom id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Frar 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Joseph Camilleri**.

Illi l-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 2 u 3 tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>:**
Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssir riferenza ghas-sentenza moghtija fid-19 ta' Jannar 2012 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carlos Frias Mateo** fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Din il-Qorti fliet bir-reqqa s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati li hija wahda studjata u fiha l-elementi kollha tar-reat ta' *money laundering* inkluzi l-gurisprudenza ricenti in materja. Hemm qbil f'hafna punti bejn l-argumenti tal-Qorti u dawk ta' l-Avukat Generai kif ukoll tad-difiza, izda l-Avukat Generali jidhirlu illi fuq il-provi illi kien hemm il-Qorti kellha tkun konvinta li l-appellat kellu x-xjenza u kien hemm in-ness bejn l-attivita' kriminali sottostanti u l-imputat u dana permezz tac-cirkostanzi kollha dwar dan il-kaz.
>
> Hawnhekk qieghda d-divergenza principali. L-ewwel Qorti qalet fost affarijiet ohra illi l-imputat ma kellu l-ebda obbligu jaghti spjegazzjoni tal-provenjenza tal-flus fl-istadju ta' l-arrest tieghu *"izda biss quddiem il-Qorti huwa*

*kien obbligat jipprova l-provenjenza legittima tal-flus u dana biss wara li jigi stabbilit mill-Prosekuzzjoni n-ness bejn l-attivita' tat-traffikar u l-imputat…".* Din id-dikjarazzjoni hija wahda korretta. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li tistabilixxi n-ness bejn l-attivita' tat-traffikar u l-appellat. Il-Qorti pero' donnha kienet qed tippretendi illi din il-prova tal-Prosekuzzjoni kellha tkun sal-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni, haga li l-Prosekuzzjoni qed tghid illi ma taghmilx sens ghax jekk il-Prosekuzzjoni tipprova l-kaz taghha minghajr dubju dettat mir-raguni, allura ghalfejn timponi l-obbligu fuq l-appellat illi jispjega u jaghti gustifikazzjoni tal-provenjenza tal-flus? Jekk il-Prosekuzzjoni tipprova sa dak il-livell, ir-reat huwa ppruvat u ma hemmx ghalfejn isir aktar, izda mhux dak kien l-iskop u l-ispirtu tal-Ligi.

**Ikkunsidrat**

Ma hemmx dubju illi r-reat ta' *money laundering* huwa wiehed mir-reati l-aktar difficli u delikati biex jigu nvestigati. It-teknika u s-sofistikazzjoni tal-mod kif il-flus jigu girati u jinhbew mill-provenjenza llecita taghhom jaghmluha kwazi mpossibli illi l-investigaturi jsibu tracca tal-provinjenza tal-flus. Kien ghalhekk illi f'dawn ic-cirkostanzi l-ligi tal-*Money Laundering* Kap. 373 ipoggi l-onoru fuq dak li jkun illi huwa jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti l-provenjenza lecita tal-flus illi jkunu nstabu fuqu. Dan il-bdil ta' l-onoru tal-provi mhijiex wahda kapriccjuza u kif qalet il-Qorti fil-kawza **Il-Pulizija vs John Vella**: *"din hi ligi straordinarja li tintroduci kuncetti radikali fis-sistema nostrana u li tirrikjedi applikazzjoni fl-aktar skruplu u attenzjoni biex ma tigix reza xi strument ta' ngustizzja, aktar reminixxenti taz-zminijiet ta' l-inkwizizzjoni minn dak ta' l-era moderna tad-drittijiet tal-bniedem. . . .".*

Il-Qorti qieghda taghmel dan il-pronuncjament fl-isfond tad-dispost ta' l-Artiklu 2(2)(a) u l-Artiklu 3(3) tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta illi ghandhom jinqraw fid-dawl ta' l-

Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipulaw li l-Avukat Generali jista' jakkuza persuna bir-reat ta' *money laundering* minghajr ma jkollu xi sentenza b'referenza ghal xi offiza precedenti. Ma dan kollu, jibqa` l-fatt illi l-Avukat Generali ghandu jipprova n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dawk il-flus.

Dwar il-livell ta' prova li jinkombi fuq l-Avukat Generali, l-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **Il-Pulizija vs. Paul Borg** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Ottubru ta' l-2003. F'din il-kawza l-Qorti kienet qalet illi meta l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bl-offiza ta' *money laundering* taht il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avukat Generali ghandu jipprova *prima facie* n-ness bejn il-flus jew il-proprjeta' u l-attivita' kriminali li tkun generat dak il-flus jew proprjeta' *"minn ezami u qari akkurat ta' din id-dispozizzjoni din il-Qorti thoss li una volta li l-Prosekuzzjoni tiddeciedi li tipprocedi skond l-Ordinanza Kap. 101 u mhux taht id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 373 ossia l-Att tan-1994 kontra Money Laundering, fejn l-attivita' kriminali sottostanti tista' tkun varja u tirreferi ghall-ksur ta' diversi ligijiet kif indikat fit-tieni skeda ta' l-istess Att, irid almenu jigi "prima facie" pruvat li l-akkuzat ikun qed jagixxi bi hsieb li jahbi jew jikkonverti flus jew ir-rikavat ta' flus u jkun jaf jew ikollu suspett li dawk il-flus ikunu miksuba bhala rizultat ta' ksur ta' xi dispozizzjoni ta' l-Ordinanza Kap. 101 u dana qabel ma tiskatta l-inverzjoni ta' l-onoru tal-prova fuq l-akkuzat".*

F'din il-kawza, l-appellat qed jigi akkuzat bil-ksur ta' provedimenti tal-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta izda dan il-Kap. jaghmel referenza wkoll ghall-Artiklu 21(1c)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li wkoll jitfa' l-piz li juri l-origini lecita tal-flus, proprjeta' jew rikavat fuq il-persuna akkuzata. Ghalhekk, dan il-livell ta' prova *prima facie* japplika kemm ghall-persuna li tkun akkuzata b'*money laundering* taht il-Kap. 101 kif ukoll taht il-Kap. 373. Issa, peress illi l-Artiklu 2(2)(a) ta' l-istess Att jezimi mir-responsabilta' l-Prosekuzzjoni illi tipprova xi htija

precedenti in konnessjoni ma' xi attivita' kriminali, kull ma ghandha tipprova l-Prosekuzzjoni huwa illi l-flus illi nstabu fil-pussess tal-persuna ma kienux konformi ma l-istil ta' hajja tal-persuna, liema prova tkun tista' tigi stabbilita anke minn provi indizzjarji. Dana jfisser illi l-Prosekuzzjoni m'ghandhiex tipprova lill-Qorti l-origini tal-flus, lanqas jekk il-flus kienu llegali. Kull ma trid tipprova huwa fuq grad ta' *prima facie* illi ma hemm l-ebda spjegazzjoni logika u plawsibbli dwar l-origini ta' dawk il-flus. Darba ssir din il-prova fil-grad imsemmi, jkun imiss lill-akkuzat sabiex juri illi l-origini tal-flus ma kienx illegali.

Forsi f'dan l-istadju ikun opportun illi jigi kwalifikat il-prova *prima facie* u fiex din tikkonsisti.

**Ikkunsidrat**

Hu ben saput illi l-Qrati generalment jirrikonoxxu erba' tipi ta' prova, dak li huwa possibli, l-probabbli, minghajr dubju dettat mir-raguni u c-certezza. Izda l-prova *prima facie* hija wzata mill-Magistrat Inkwirenti meta jirredigi l-Process Verbal u l-Magistrat Istruttur fl-gheluq tal-Kumpilazzjoni. Fl-opinjoni tal-Qorti din hija livell ta' prova illi tidhol bejn il-possibli u l-probabbli.

L-awtur **Blackstone** (At D 6.21) jghid fost affarijiet ohra, *"Thus, the standard of proof the Prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings. It is commonly expressed as establishing a prima facie case or a case to answer"*. Il-probabbli huwa l-livell uzat f'proceduri civili. Ghalhekk skond dan l-awtur *prima facie* huwa anqas minn hekk u jista' jigi definit bhala *"a case to answer"*, haga li ghandha tigi nvestigata aktar fil-fond.

Fil-kuntest tal-provi illi l-Proskuzzjoni gabet f'dan il-kaz, intlahaq dan il-livell ta' *prima facie*? Kien hemm "a case to answer"?"

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- Michael Schembri (in rapprezentanza ta' Global Capital Finance – *a fol.* 227 *et seq.*) spjega li l-imputat ghandu polza *single premium investment*, maghrufa bhala *life policy* li giet maghmula f'Gunju 2007 u l-ammont huwa dak ta' Lm8245. Meta xehed Gianluca Cappitta (*a fol.* 678 *et seq.*) spjega li s-somma ta' Lm8245 giet investita ghal terminu ta' hames (5) snin u li l-polza kienet mmaturat.

- Jean Claude Bugeja (in rapprezentanza ta' Island Financial Services – *a fol.* 232 *et seq.*) ikkonferma Dok. "FF 1" (*a fol.* 164A *et seq.*) fejn spjega fiex jikkonsistu dawn id-dokumenti u fejn jghid li l-investitur kien Nazzareno Grech (I.D. Nru. 629254(M)). Huwa spjega li l-investiment sar fl-1 ta' Ottubru 2008 u spjega wkoll il-modalita' tal-pagament ta' €52,000.

- Ilenia Micallef Grimaud (in rapprezentanza ta' MSV Life Plc li kienet Middlesea Life Assurance – *a fol.* 671 *et seq.*) spjegat kif l-imputat thallas bhala *refund* ta' polza li giet kancellata fis-sena 2008 u li kienet qed tinzamm mill-imputat ma' l-MSV Life. Tghid li l-imputat thallas l-ammont ta' €52,994.87.

- Stephen Attard xehed li vettura Mercedes Benz C Class bin-numru ta' registrazzjoni ABJ 594 kienet tieghu u jidhirlu li dan kien fis-sena 2007. Jghid li din ma baqghitx tieghu ghax bieghha lill-imputat u li Grech qallu biex ihallieha fuq ismu (fuq Attard) peress li l-imputat kien ghaddej f'kaz ta' separazzjoni. Jghid li hu thallas tal-vettura pero jghid li t-trasferiment taghha baqa' ma sarx. Jixhed li l-imputat kien qallu biex jibqa' jghid li l-vettura hija tieghu (ta' Attard) u li l-vettura kienet mislufa ghandu (ghand l-imputat).

Illi l-Prosekuzzjoni tishaq li l-imputat ma gab l-ebda prova ghal kif huwa gab il-flus li jaghmel riferenza ghalihom fid-depozizzjoni tieghu f'liema depozizzjoni jghid li l-flus gew minn negozju li kellu

qabel. Il-Prosekuzzjoni tishaq ukoll li l-imputat ma gab l-ebda prova dokumentarja in sostenn ta' dak li huwa qal.

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni moghtija fit-23 ta' Frar 2017 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Sharon Camilleri**, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

> "Maghdud dan allura din il-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti gustament ma setatx issib htija fl-appellata billi ghalkemm huwa minnu illi l-piz tal-prova jinxtehet fuqha biex taghti gustifikazzjoni tal-flejjes li nstabu fil-pussess taghha, madanakollu l-ewwel u qabel kollox il-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova, u dan almenu *prima facie,* illi kien hemm xi attivita' kriminali sottostanti u kwindi hemm ness bejn din l-attivita' u l-flejjes li nstabu fil-pussess ta' l-appellata. Din il-prova hija mankanti. Ma huwiex bizzejjed illi l-Prosekuzzjoni tghid illi l-appellata kellha relazzjoni ma' Joseph Cutajar li kien ghaddej process kriminali fuq omicidju u li l-Pulizija kienu jafu li kellu xi konnessjoni ma' xi serq u *hold-ups* minghajr ma ggib l-icken prova dwar dan. Fejn hi l-prova ta' l-agir suspettuz ta' Cutajar? Fejn hi l-prova allura illi dan l-agir gie segwit bit-transazzjonijiet ta' flus f'ammonti li jistghu jitqiesu eccessivi? Fejn hu n-ness bejn dan ic-caqliq ta' flus u l-appellata? Fuq kollox jidher illi l-appellata fethet is-*safety deposit box* mertu tal-kaz fil-bidu tal-2003 (u uzatha regolarment kull sena sussegwenti), fiz-zmien allura meta kienet ghadha lanqas iltaqghet ma' Cutajar, izda kienet qed tiffrekwenta lil certu Kevin Falzon, kif mistqarr minnha. Fuq kollox il-flejjes li nstabu fil-pussess ta' l-appellata setghu gew minn xi attivita' kriminali mhux marbuta ma' Cutajar izda ma' xi rgiel ohra li Camilleri ssemmi li kellha relazzjonijiet precedenti maghhom! Kollox mibni fuq supposizzjonijiet u kongetturi u xejn fuq provi accertati".

Illi l-Qorti tinnota li fil-kaz odjern japplika l-insenjament li ghadu kemm sar riferenza ghalih hawn fuq fis-sens li fil-kaz odjern hija mankanti l-prova li l-Prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova, almenu

*prima facie,* u cioé li kien hemm xi attivita' kriminali sottostanti u kwindi li hemm ness bejn din l-attivita' u l-flejjes li nstabu fil-pussess tal-imputat. Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni li ssib htija fl-imputat fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Serq aggravat bil-kwalifika tal-valur, tal-persuna u tal-lok)</u>**:
Illi taht it-tieni (2) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li kkommetta r-reat ta' serq b'numru ta' kwalifiki u dana ghad-dannu tal-genituri tieghu.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:
>
> *"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro"*
>
> (Ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi ukoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'riferenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-Codice Rocco:
>
> *"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può*

*essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

Illi fid-depozizzjoni tieghu, missier l-imputat jixhed, fost l-ohrajn, li ra lill-imputat jiftah is-*safe* u meta ftit granet wara mar jiftah l-imsemmi *safe* sab li l-kaxxa tad-deheb ma kienitx ghadha hemm. Missier l-imputat xehed ukoll li xi granet wara l-imputat kien qallu li kien sab il-kaxxa u li fiha kien hemm biss deheb tat-tiswija li ma jiswiex flus u li kien hemm diversi deheb nieqes liema deheb kellu valur ta' Lm7000.

Illi minkejja li l-atti processwali ma jikkontenjux id-depozizzjoni ta' omm l-imputat *stante* li din mietet qabel bdew il-proceduri odjerni, l-atti processwali jikkontjenu d-depozizzjoni ta' missier l-imputat u ta' hutu Mario Grech, Charles Grech, Emanuel (sive Lino) Grech. M'hemmx dubju li l-imputat ma jingiebx mal-familjari tieghu li xehdu f'dawn il-proceduri. M'huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tara ghala dan huwa minnu. Huwa l-kompitu tal-Qorti li tara jekk effettivament l-imputat ikkommettax ir-reat ta' serq ta' deheb, flus u affarijiet ohra ghad-dannu tal-genituri tieghu. Il-Qorti tinnota li dan ma jirrizultax pruvat u b'hekk isegwi li lanqas gew pruvati l-kwalifiki tas-serq li l-imputat qed jigi akkuzat bihom fit-tieni (2) imputazzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser issib htija fl-imputat fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imsemmija imputazzjoni.

**<u>It-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Vjolenza Kontra l-Privat)</u>**:
Illi taht it-tielet (3) imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li uza vjolenza sabiex igieghel lil ommu sabiex taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga u talli wasal bil-hsieb tieghu f'dan il-ghan.

Illi, fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami, il-Qorti tinnota li din temergi minn Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju (*a fol.* 675), l-Avukat Generali jaghmel riferenza ghal Artikolu 251m tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta. Dan ma jezistix! Il-Qorti tinnota li Artikolu 251 jinqasam f'zewg sub-artikoli u ma hemmx dubbju illi l-Artikolu 251m tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kwotat mill-Avukat Generali ma jsibx applikazzjoni ghal kaz in dizamina. Jidher li l-Avukat Generali ried jindika Artikolu 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi din il-Qorti, madanakollu, hija marbuta bid-disposizzjonijiet tal-ligi ndikati fin-Nota ta' Rinviju u ma tistax issib htija taht xi disposizzjoni tal-ligi li ma tigix hemmhekk indikata. Dan gie ritenut, fost l-ohrajn, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Grima**, deciza fit-2 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Id-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Geoffrey Montebello et** moghtija fid-19 ta' April 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali rriteniet ukoll li l-Qorti kienet prekluza milli ssib htija taht Artikolu partikolari tal-ligi ghaliex dan l-Artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju. Tenut kont ta' dan, isegwi li l-Qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat *stante* li din l-imputazzjoni ma tirrizultax mill-ebda Artikolu kwotat mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju tal-Gudizzju.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Meta Ohrajn Jibzghu Li Se Tintuza Vjolenza Kontrihom)</u>:**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Parnis**, deciza fl-24 t'April 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Riferenza ghandha ssir ukoll ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro**, deciza fis-7 ta' Marzu 2012, u ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**, deciza fil-21 ta' Frar 2012, liema sentenzi gew moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fid-decizjoni kontra Jeffrey Scicluna, il-Qorti qalet hekk:

> "Biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-Artikolu 251B xorta waħda".

Illi l-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Guzeppi [Joseph] Grech, missier l-imputat, jixhed li f'kaz li hu u martu kienu jsibu oggezzjoni ghal xi haga, l-imputat kien isawwathom. Jghid: *"Lili tani bil-ponn kemm-il darba, jitfghani fuq is-sufan, izommli jdejja u jaghtini go ghonqi wkoll. Sa darba tghawwigli halqi u ma ghidt lil hadd xejn"* (*a fol.* 33). Jghid li ma riedx imur il-Qorti pero fl-ahhar ma setghax jissaporti. Huwa jixhed ukoll li martu kienet tghidlu li jekk ma kienitx taghti lill-imputat, hu kien isawwatha. Jghid li darba minnhom martu marret bi *black eye* u qaltlu li kienet habtitha mal-vettura u wara jumejn qaltlu li l-imputat kien refa' jdejh fuqha fil-vettura ghax ma tatux flus. Jghid li martu qaltlu wkoll li meta ma kienitx taghtih il-flus, l-imputat kien isuq bil-vettura bis-sahha u jiehu brejk qawwi biex ihabbtilha rasha mal-*windscreen*. Spjega li meta l-imputat kien jitolbu l-flus u hu kien isib oggezzjoni, l-imputat kien jaghtih bil-ponn u jobzoqlu f'wiccu u jghajjru b'ommu u missieru.

- Mario Grech, hu l-imputat, jixhed kif darba minnhom mar biex idahhal il-vettura tal-genituri fil-garaxx, l-imputat oggezzjona li jdahhal il-vettura u qal: *"Dan jimbotta u jaghmillek hekk u hafna mutetti hekk"* (*a fol.* 74). Jghid li ommu gie li qalet li l-imputat kien isawwatha u li madwar sena qabel ma mietet ommu, ommu qaltlu bid-dmugh f'ghajnejha li l-imputat kien qed jheddidha li la tmut ghad jaqlaghha u jkaxkarha t-triq il-gdida kollha.

- Charles Grech, hu iehor tal-imputat, li in kontro-ezami qal li ilu miggieled mal-imputat ghal numru ta' snin u li kkonferma li ilhom zmien twil jippruvaw jizgumbraw lill-imputat mid-dar peress li jsawwat lill-genituri tieghu, spjega li kemm il-darba ra lill-imputat jerfa' jdejh fuq ommu. Minkejja li jghid li l-imputat qatt ma refa' jdejh fuqu, spjega li kien jara lill-ommu bid-daqqiet u li ommu kienet tghid li kienet tkun habtet rasha mal-vettura. Jghid li kien isib lil ommu b'wiccha minfuh. Spjega li minkejja li ommu ghamlet diversi rapport l-Ghassa tal-Pulizija,

huh l-imputat qatt ma ttella' l-Qorti ghax ommu kienet twaqqa' kollox ghax l-imputat kien jheddidha.

- Emanuel (maghruf bhala Lino) Grech, hu iehor tal-imputat, spjega kif l-imputat qatt ma kien jingieb ma' missieru tant li jghid li kienu dejjem bl-argumenti u l-imputat kien joffendi lill-missieru b'ommu u bil-familja tieghu. Ikkonferma li ommu kienet tkun imbengla f'wiccha u jghid li jahseb li l-imputat gie li habtilha rasha mal-*windscreen*. Mistoqsi jghid jekk qattx staqsa lil ommu x'kien ikun gara, wiegeb: *"Kienet tghid li habtet jew mal-windscreen jew habtet mal-bieba u dejjem bl-iskuzi biex izzomm il-kwiet"* (*a fol.* 209). Jghid li ommu kemm il-darba marret tirraporta lill-imputat li kien taha xebgha u li kien sawwatha u li anke missieru ghamel l-istess pero wara kienu jmorru jahfrulu peress li jigi binhom.

- In-Nutar Charles Vella Zarb ikkonferma li omm l-imputat ghamlet hafna testmenti li gew revokati. Huwa spjega kif omm l-imputat ma rieditx turi lill-imputat li kienet qed taghmel l-ahhar testment peress li riedet tirrevoka testment li ghamlet qabel u qaltlu li kienet ghamlitu kontra x-xewqa taghha u riedet thassru peress li qaltlu li kienet mgieghla.

- In-Nutar Patricia Hall spjegat li fit-30 ta' Jannar 2009 ippubblikat testment sigriet li sar minn Maria Concetta Grech. Tghid li Maria Concetta Grech xtaqet taghmel testment li hadd ma jkun jaf li ghamlitu u b'hekk jekk xi hadd jaghmel ricerka ma jinstabx. Tghid: *"Dan partikolari xtaqet taghmlu sabiex wiehed mit-tfal taghha ma jkunx jaf li ghamlitu b'dan il-mod, bil-mod ta' secret will"* (*a fol.* 125). Il-Qorti tinnota li r-raba' artikolu ta' dan it-testment jaqra hekk: *"Niddikjara li jiena u zewgi Joseph Grech soffrejna diversi azzjonijiet, mohqrija, ingurji serji, theddid u swat kif jixhed ic-certifikat illi qed jigi hawn anness u dana apparti minn azzjonijiet serji ohra bhal disprezz u insulti maghmulin fil-pubbliku, u serq ta' flus minn ghandi illi ghalihom l-ligi tippermetti d-dizeredidazzjoni. Ghal dawn ir-ragunijiet jiena qed niddizeredita lil ibni Nazzareno Grech"* (*a fol.* 128).

Illi, da parte tieghu, l-imputat xehed li meta mar ghand il-genituri tieghu kien jiehu hsieb lill-genituri tieghu, kien isajjar u kien johrog lil ommu peress li kellha attakk nervuz u b'hekk kien jiehu hsiebha u jdur biha. Spjega wkoll li baqa' jaqdi lill-genituri tieghu. Qal li kien johrog ma' ommu u li hi kienet tghidlu biex imur maghha. L-animozita' tal-imputat fir-rigward ta' missieru tidher b'mod specjali meta l-imputat jixhed li missieru *"gej mir-razza tal-guh"* (*a fol.* 727e).

Illi minkejja dak li qal l-imputat fid-depozizzjoni tieghu u minkejja l-fatt li omm l-imputat ma xehditx f'dawn il-proceduri *stante* li kif diga nghad hija mietet qabel bdew il-proceduri odjerni, il-Qorti tinnota li x-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni xehdu fuq l-istess binarju. Huma kienu konsistenti. Dan il-fatt ghandu u ser jinghata piz mill-Qorti.

Illi, apparti dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota wkoll li fil-konsiderazzjonijiet fir-rigward tal-imputazzjoni in ezami ghandha ssir riferenza wkoll ghas-segwenti:

- Fir-rapport tieghu (Dok. "JG" – *a fol.* 656 *et seq.*), is-Sur Joseph Gaffiero kkonkluda li l-kitba fuq il-libretti kollha kienet maghmula mill-imputat Grech u dana wasal ghalih wara li f'rapport iehor tieghu kien gie konkluz, fost l-ohrajn, li l-kitba u l-firem ta' missier l-imputat kienu foloz.

- Stephen Attard xehed li minkejja li hu kien thallas tal-vettura Mercedes Benz, it-trasferiment tal-vettura kien baqa' ma sarx u li l-imputat kien qallu biex jghid li l-vettura msemmija kienet tieghu (ta' Attard) u li l-vettura kienet mislufa ghandu (ghand l-imputat).

- Jirrizulta li l-imputat kellu numru ta' armi licenzjati fuq ismu. *Di fatti*, l-atti processwali jikkontjenu kopja tal-licenzji tal-armi tal-imputat, liema dokument huwa mmarkat bhala Dok. "SZ" (*a fol.* 243). Il-Qorti tinnota li minn tfittxija li saret fil-11 ta' Novembru 2008 mid-dar fejn kien qed jirrisjedi l-imputat, gew elevati numru ta' snieter, diversi munizzjon u armi ohrajn (*Vide* Dok. "FF 3" – *a fol.* 49 *et seq.*).

- Riferenza għandha ssir ukoll għar-rapporti eżebiti mill-Uffiċjal Prosekutur l-iSpettur Fabian Fleri fis-seduta tal-24 ta' Ġunju 2011, liema rapporti ġew immarkati minn Dok. "A" sa "F" (*a fol.* 417 *et seq.*). Ta' importanza partikolari huwa rapport datat 20 ta' Lulju 2004 u li ġie mmarkat bħala Dok. "F" (*a fol.* 434 *et seq.*) minn liema jirriżulta li omm l-imputat rappurtat li binha l-imputat kien sawwatha u li kien qalilha li kien ser jifqa' l-bieb ta' barra. Fir-rapport imsemmi, hemm imniżżel ukoll dak li ħut l-imputat irrapurtaw fir-rigward ta' dak li ngħad mill-istess imputat. Fir-rapport jingħad ukoll is-segwenti: *"Complainant issued the Police with a medical certificate issued by Dr. Joe Cassar Delia that she was allegedly punched on her head, however it was later verified in front of Insp. Mary Muscat that she did not want to institute any court action against her son. […] Complainant, together with her husband, Joseph Grech (I.D. No. 196326(M)), and her son Reno Grech, were called at Zabbar Police Stattion and spoken to by Insp. Mary Muscat. A waiver was signed by complainant and her husband whereby they declared that they do not want to institute legal proceedings against their son Reno Grech"* (*a fol.* 436).

Illi, wara li l-Qorti tieħu dak kollu li ngħad hawn fuq in konsiderazzjoni, inkluż il-fatt li Artikolu 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu jew kontra…"*, il-Qorti tinnota li mill-atti processwali jirriżulta sodisfaċentement pruvat dak li l-imputat qed jiġi akkużat bih fir-raba' (4) imputazzjoni u b'hekk il-Qorti ser issib ħtija fl-imputat fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi hija biss ir-raba' (4) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat li ġiet sodisfaċentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab ħati tal-imsemmija imputazzjoni biss.

Illi, fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat fir-rigward tar-raba' (4) imputazzjoni, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-imputazzjoni msemmija, il-fedina penali tal-imputat (*a fol.* 8 *et seq.*), u kif ukoll it-

tul ta' zmien li hadet il-kawza odjerna biex tigi fi tmiemha (li, bhal ma jafu l-Prosekuzzjoni u d-difiza, il-Qorti kif preseduta assolutament ma kellhiex kontroll fuqu). Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva pero ghandha tikkundannah ghal piena ta' prigunerija sospiza u kif ukoll ghall-hlas ta' multa.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li:

tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat,

ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni addebitati fil-konfront tieghu u b'hekk tilliberah minnhom,

u

wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali datata 23 ta' Frar 2015 u senjatament Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Grech hati tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba kontra tieghu u filwaqt li tikkundannah ghal perijodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sena, tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa ta' hamest'elef Euro (€5,000).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena.

*Ai termini* tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati Grech ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti f'dawn il-proceduri (u dana ghajr ghall-ispejjez relatati man-nomina ta' Dr. Vincent Galea *stante* li l-imputat gie liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tieghu), u cioé is-somma ta' erba' mija u erbghin Euro (€440.00).[4]

[4] Is-Sur Joseph Gaffiero (Dok. "JG" – *a fol.* 448) (€140.00); is-Sur Joseph Gaffiero (Dok. "JG" – *a fol.* 659 *tergo*) (€300.00).

Finalment, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' missieru, hutu u l-familji taghhom ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum skond id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Alexia Attard**
**Deputat Registratur**